MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 378/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Keith Arnaud)**
**Vs**
**Roderick Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat detentur tal-karta tal-identita` numru 155680(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta’ Awwissu 2010, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ wara nofs inhar, fl-inhawi ta’ Fleur-de-Lys, Birkirkara, wara li kien ikkundannat f’Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab ghandu imfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi,jew instabu ghandu forom ta’ serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinstabu ghandu f’dak iz-zmien.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirksotanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ proviżorja imposta mill-Qorti

preseduta mill-Maġistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fil-31 ta' Jannar 2008, f'dan li ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan tħat garanzija personali ta' €1000, fost kundizzjonijiet oħra kif ordna tli jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Il-Qorti ntalbet sabiet titratta ma' Roderick Debono bħala li hua reċidiv b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistgħux ikunu mibdula ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Lulju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant/appellat ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih u kkundannatu xahrejn (2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Debono minnu ppreżentat fid-19 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett għall-effetti u finijiet kollha tal-liġi, alternattivament jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' l-ewwel akkuza, bl-addebitu tar-reċidiva, u filwaqt illi tiddikjarah mhux hati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fis-26 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok issib lil Roderick Debono ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu skont il-liġi u tinfliġġi fuqha dik il-piena idonea skond il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

[1] Imputazzjoni miżjuda fit-2 ta' Settembru, 2010 (fol 18).

Rat illi l-aggravji tal-appellant Roderick Debono huma s-segwenti u cioe':-

Fl-ewwel lok, preliminarjament, u minghajr preġudizzju għall-aggravji tiegħu fil-mertu, l-appellant umilment jissottometti illi s-sentenza datata d-disa (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), hija nulla u bla effett, al finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dan peress illi ma tissodisfax id-dettami tal-liġi kif stipolat fil-Kodici Kriminali li jipprovdi illi sentenza għandha tillibera jew issib ħtija, fuq kull imputazzjoni addebitata lill- imputat.

Għalkemm l-appellant kellu zewg (2) akkuzi, bl-addebitu tar-reċidiva, u ċioe dik illi wara kundanna ta' serq jew ricetazzjoni, jinstabu fil-pussess tieghu ghodod intizi ghal sgassar u jonqos milli jaghti kont sodisfacenti ghal tali pussess, u l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva, l-Ewwel Qorti bi svista pprovdiet biss għall-ewwel akkuza, flimkien mal-addebitu tar-reċidiva filwaqt li ma ppronunzjatx ruhha a rigward tat-tieni akkuza u cioe dik tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien minn l-arrest.

Illi din it-tieni akkuza, kienet giet mizjuda wara illi l-appellant tressaq il-Qorti b'arrest jigifieri fil-prezentata, u filfatt din l-akkuza ġiet mizjuda wara, u dan kif jirriżulta minn verbal datat t-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), fejn il-prosekuzzjoni, żiedet it-tieni akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien minn l-arrest, filwaqt illi prezentat citazzjoni ġdida mmarkata bhala 'Dok KA 1', a fol 18 tal-proċess, bl-akkuzi kif korretti jew aħjar kif miżjuda.  Wara kien rega' sar  l-eżami tal-imputat kif mitlub mil-liġi.

Konsegwentement, l-appellant umilment jissotometti illi din is-sentenza hija nulla u bla effett u għalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha, filwaqt illi tiddikjara l-istess nulla u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, terga' tibghat l-Atti kollha lura lil Qorti tal-Magistrati, sabiex din il-kawża terġa' tiġi deċiża mill-ġdid wara illi l-Qorti tikkonsidra l-provi migjuba quddiemha, u b'hekk l-appellant ma jigix mċaħħad mid-dritt tieghu, tal-beneficcju tad-doppio

esame, liema dritt huwa meqjus bhala dritt fundamentali ta' persuna akkuzata.

Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ghandu wkoll eccezzjoni fil-mertu, liema ghandha tiġi kkunsidarata biss f'kaz illi l-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata minnu.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, jidher illi sabet ħtija fl-appellant a bazi tal-fatt illi dan naqas milli jaghti lill-Pulizija, kont sodisfaċenti għal liema skop legtittimu kienu jinstabu għandu l-għodod allegatament intiżi għal sgass jew ftuh ta' serraturi, u dan wara kundanna precedenti ta' serq, u dan waqt l-investigazzjoni. Filfatt fl-istess sentenza l-Qorti qalet hekk *'illi a rigward ta' l-aħħar element u cioe dak li l-imputat kellu jaghti kont sodisfacenti ta' dawn l-ghodod, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm hi tirrispetta id-dritt tas-silenzju li gie eżerċitat minn l-imputat kwazi mill-bidu meta sabuh il-Pulizja kif ukoll fl-istqarrijiet tiegħu fejn huwa wiegeb għal kull domanda kull 'ma weġibx', fuq in-naha l-ohra dan ir-reat jikkontempla illi l-imputat ma jkunx ta kont sodisfacenti mill-bidu nett ta' meta nstab.'*

Bir-rispett kollu l-appellant ma jaqbel xejn ma' dan l-argument. L-appellant m'għandu l-ebda obbligu li jikkollabora mal-Pulizija, u l-fatt illi huwa ma wieġeb l-ebda domanda, u ma tahomx informazzjoni dwar dawn l-ghodod, l-aktar fl-isfond tal-fatt illi huwa kien irrifjuta d-dritt tieghu illi jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tiegħu, ma tista` qatt tintuża kontra tiegħu għal sejbien ta' ħtija. Bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tgħid illi hija qed tirrispetta d-dritt ta' silenzju ta' l-imputat, u fl-istess nifs tibbaża s-sejbien ta' htija fuq il-fatt illi huwa baqa silenzjuz. F'dan il-kaz, stante illi l-appellant għażel li ma jikkonsultax ma' avukat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, ma setghet issir ebda inferenza. Għalhekk il-Qorti hija totalment żbaljata fl-argumentazzjoni tagħha.

Jigi ulterjorment sottomess illi ghalkemm l-appellant ma ta ebda spjegazzjoni lill-Pulizija, kif del resto kellu dritt li jaghmel, huwa xehed quddiem l-Ewwel Qorti, u bil-

gurament tieghu ta kont aktar minn sodisfacenti għar-raġuni ghalfejn kellu dawn l-għodda fil-pussess tiegħu, eżattament fil-vettura tiegħu. L-appellant, filfatt, ghalkemm ghandu d-dritt tas-silenzju, u ma huwa obbligat illi jipprova xejn anke fl-Awla, huwa xehed minn jeddu (u dan fl-erbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011)), fejn spjega illi huwa kien juza din l-ghodda sabiex iqatta' l-injam, sabiex isajjar l-ikel tal-klieb gewwa r-razzett ta' missieru. Huwa spjega illi ma setax iħalli din l-ghodda warajh, għax mhux l-ewwel darba li nsterqu affarijiet minn hemm, peress illi kien hemm ħafna idejn illi kellhom aċċess għar-razzett. Filfatt l-appellant spjega dettaljament kif kien juża din l-għodda *'kont inzarma l-injam, inqattaghhom, umbghad inkissirhom, nitfagħhom ġo tank, u nsajjar bih għall-ike! tal-klieb. . . kif kont nlesti minnhom kont nitfagħhom ġo baskett u neħodhom miegħu.'*

Ix-xhieda ta' l-appellant, giet kkoraborata wkoll b'dak li xehed George Xuereb, illi spjega lil Qorti illi huwa kien ta' spiss ikun jgħin lill-appellant fir-razzett, u jaf bħala fatt illi mhux l-ewwel darba illi sabu xi għodda nieqsa mill-kmamar tar-razzett. Kien ghalhekk illi lappellant kien kostrett jieħu l-għodda miegħu d-dar. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak illi qalet l-Ewwei Onorabbli Qorti, u ċioe illi l-appellant naqas milli jagħti kont sodisfacenti tar-raguni għalfejn kellu dawn l-għodod għandu, l-appellant effettivament spjega, u anke b'certa dettall u konsistenza, l-iskop legittimu ghalfejn din l-ghodda kienet fil-pussess tieghu. Inoltre, l-ligi ma tispecifikax fl-liema stadju persuna ghandha taghti kont sodisfacenti tal-pussess ta' dawn l-ghodda, kif donnu qed tipprova targumenta l-Ewwel Qorti; pero certament, meta l-legislatur specifika l-kliem 'kont sodisfacenti' zgur illi ma kellux f'mohhu illi dan il-kont ghandu jinghata sa mill-bidu nett, lill-Pulizija waqt l-investigazzjoni.

Il-Qorti rreferiet ukoll ghal dak li allegatament Josef Buttigieg, il-persuna illi nstab fuq il-post flimkien ma' l-appellant qal lil Pulizija waqt l-investigazzjoni. Bir-rispett kollu, l-Qorti qatt ma kella taghti piz ghal dan, u dan peress illi dan Josef qatt ma ttella' jixhed, u ghalhekk dak

illi huwa allegatament qal lill-Pulizija, ma tista’ tagħmel ebda prova fil-konfront ta’ l-appellant.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti

Illi fis-16 ta’ Lulju 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawa u hassu aggravat bihom in kwantu il-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), hi minhabba x-xorta jew kwantita’ taghha, differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-imputat appellat gie misjub hati, kif ukoll in kwantu s-sentenza hi nulla stante li dik il-Qorti naqset milli tippronunzja ruhha fil-konfront tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra l-imputat appellat u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell, inter alia, ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iii) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**1. Il-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), hi minhabba x-xorta jew kwantita’ taghha, differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-imputat appellat gie misjub hati;**

Illi fis-seduta ta’ l-20 t’Awwissu 2010 l-imputat appellat gie imputat lilu l-ewwel irnputazzjoni imsemmija hawn iktar ‘l fuq, cioe’ ir-reat ikkontemplat taht l-artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi eventwalment fis-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Settembru 2010, l-Ufficjal Prosekutur irrileva li kien ser izid imputazzjoni ohra, u cioe’ il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta’ proviiorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D nhar il-31 ta’ Jannar 2008;

Illi meta imbaghad l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha fil-konfront tal-imputat appellat din naqset milli tiehu in konsiderazzjoni din it-tieni irnputazzjoni u fil-fatt din giet eskluza kompletament minn din is-sentenza;

Illi ghalhekk dik il-Qorti ghaddiet sabiex taghti sentenza ta’ piena li minhabba x-xorta jew kwantita’ taghha, hi

differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-imputat appellat gie misjub hati;

Illi fil-fatt l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

*Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondi:zjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti helsien mill-arrest taht garanzija tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew ghal multa ta' prigunerija flimkien u l-ammont stabbilit fll-helsien mill-arrest taht garanzija jista' jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

Illi ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena moghtija fil-konfront tal-imputat appellat kellha necessarjament tkun iktar minn dik ta' xahrejn prigunerija;

**2. <u>Nullita' tas-sentenza</u>**

Illi barra minnhekk skond gurisprudenza kostanti meta Qorti ma tghid xejn dwar irnputazzjoni partikolari, dik is-sentenza tkun nulla. Fil-fatt, fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Omissis Mark Camilleri datata 19 ta' Mejju 2005:

*"……..skond il-gurisprudenza kostanti, meta l-Qorti tal-Magistrati tati s-sentenza kontra l-imputat, ghandna tghid il-fatti li taghhom ikun misjub hati. Inoltre l-Qorti ghandha tindika taht liema akkuzi l-imputat ikun instab hati u minn liema hu jkun gie liberat. Jekk sentenza ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, dik is-sentenza tkun nulla. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut" (13.10.2004, "Il-Pulizija vs. Piju Gafa" [18.4.1959]; "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina" [26.11.1960]; "Il-Pulizija vs. Frans Portelli" [3.3.1992] u ohrajn) u din in-nullita' hija anki sollevabbli "ex officio" mill-Qorti tal-Appell (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Emmanuel Zammit" [16.1.1986] u oħrajn)."*

Illi ghalhekk is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-Magistrati (Malta) hawn fuq riferita hi nulla

ghar-ragunijiet hawn fuq suesposti.

Ikkonsidrat

Li mill-atti jirriżulta li kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Ġenerali ssottomettew li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla minħabba li l-Qorti naqset li tagħti każ ta' waħda mill-imputazzjonijiet.

Għalhekk il-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.li tidher a fol 97. Minn dak li hemm stampat f'din il-paġina, it-tieni imputazzjoni ma tidhirx fost il-lista ta' imputazzjonijiet.

Mill-paġini l-oħra jirriżulta li l-Qorti daħlet fil-fond dwar l-artikolu 287 tal-Kap 9 u għamlet enfasi b'mod speċjali fuq is-sejbien ta' għodod li huma tajbin biex jiftħu s-serraturi kif ukoll li fil-karozza tal-appellant (appellat) kien hemm lieva kbira u turnavit ċatt kbir kif ukoll t-shirts u brieret. Il-Qort tal-Maġistrati insistiet ukoll li l-appellant (appellat) ma tax kont sodisfaċenti mill-bidu nett ta' meta nstab. (fol 99).

Fl-aħħar tas-sentenza tagħha, il-Qorti qalet hekk:

'Illi għal dawn il-motivi l-Qorti tħoss li l-elementi ta' dan ir-reat ġew soddisfaċentement ippruvati kif ukoll ir-reċidiva ġiet ppruvata permezz ta' sentenza a fol.57 tal-proċess u għalhekk, wra li rat l-artikoli 49, 50 u 287 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil Roderick Debono ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih u tikkundannah xahrejn priġunerija.' (fol 100).

Mill-eżami tal-raġunijiet mogħtija fis-sentenza kif ukoll minn qari bir-reqqa tal-aħħar paragrafu tas-sentenza jirriżulta b'mod ċar li l-Qorti tal-Maġistrati ma kkonsidrats it-tieni imputazzjoni li kienet miżjuda wara l-jum tal-preżentata (li saret fl-20 t'Awwissu, 2010). Bi svista, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet rat biss iċ-ċitazzjoni kif tidher a fol 1 u ma ratx kif din inbidlet u fol 18. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati, hija u tikteb is-sentenza, ma kellhiex quddiemha l-imputazzjonijiet kollha. Konsegwentement,

ħalliet barra it-tieni imputazzjoni mill-konsiderazzjonijiet tagħha kif ukoll mill-parti deċisiva għax lanqas biss hemm indikat l-artikolu relattiv.

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali u qed tiddikjara s-sentenza mogħtija fil-ismijiet premessi tad-9 ta' Lulju 2012 bħala nulla. Qed tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni dwar il-mertu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------